**5 ta' Marzu, 1997**

**Imhallef:-**

## Onor. Vincent DeGaetano LL.D.

Il-Pulizija

*versus*

Anthony Gatt u Michael Azzopardi

## Ordinanza tad-Dwana - Xjenza

*L-ipotesi kkontemplata fl-artikolu 62 (ġ) ta' l-Ordinanza tad-Dwana tirrikjedi li l-att materjali - li wieħed jiġi fil-pussess ta' l-oġġett - ikun sar xjentement. Il-kelma "xjentement" ma tfissirx sempliċement li l-aġent ikun konxju li qed jiġi fil-pussess ta' oġġett partikolari, iżda tfisser li hu jkun jaf, jew li messu raġonevolment fiċ-ċirkostanzi kien jaf, li d-dazju fuq dak l-oġġett ma kienx ġie mħallas.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Anthony Gatt u Michael Azzopardi talli (1) fit-3 ta' Jannar, 1994 xjentement kellhom fil-pussess u/jew taħt il-kontroll tagħhom *mobile dual band transceiver Kenwood Model TM732E Serial no. 41001751, phone patch* ta' l-għamla CTE International, *power supply Roland* li nstabu fil-fond Blk. VII, Door B, Flat 14, Triq il-Buganvilla, San Ġwann (li hija r-residenza ta' l-imsemmi

Michael Azzopardi), kif ukoll *hand held transceiver* model TH78E Serial no. 50300577 li nstab għand Anthony Gatt waqt li kien qiegħed juża vettura tal-marka Toyota bin-numru F-9023; u aktar (2) fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana, talli kellhom; fil-pussess tagħhom l-oġġetti hawn fuq imsemmija li għandhom valur totali ta' Lm375, dazju Lm64.80, liema dazju ma ġiex imħallas jew ikkawtelat u dan bi ksur ta' l-artikoli 60 (a) (ċ) (k) u 62 (a) (b) (ċ) (ġ) (ħ) (i) (k) tal-Kap. 37;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-22 ta' Frar, 1996 li biha dik il-Qorti sabet liż-żewġ imputati ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tagħhom u kkundannat lil Anthony Gatt ħamsin lira (Lm50) multa fuq l-ewwel imputazzjoni u multa ta' tmien mija u erbatax-il lira u tmenin ċenteżmu (Lm814.80) fuq it-tieni imputazzjoni u lil Michael Azzopardi kkundannatu multa ta' ħmistax-il lira (Lm15) fuq l-ewwel imputazzjoni u sitt xhur priġunerija sospiżi għal sentejn skond l-artikolu 28A tal-Kap. 9 fuq it-tieni imputazzjoni; dik il-Qorti ordnat ukoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti formalment bħala Dok. JB3;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Michael Azzopardi, minnu pprezentat fl-4 ta' Marzu, 1996 li bih talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza (naturalment in kwantu tikkonċerna lilu) jew alternattivament ir-riforma tagħha kwantu għall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Bażikament l-appellant qed jikkontendi li hu kull ma għamel kien li, bħala pjaċir, ippermetta lil Anthony Gatt li jwaħħal fil-gallerija tar-residenza tiegħu (ċjoe' ta' l-appellant) apparat elettroniku ta' ridirottament tat-telefonati (*call transfer equipment*). Hu jikkontendi li fiċ-ċirkostanzi ma kellux il-*mens*

*rea* meħtieġa għaż-żewġ reati għax hu kien jaf lil Anthony Gatt bħala bniedem serju u ta' l-affari tiegħu u qatt ma seta' jobsor li l-apparat in kwistjoni ma kienx debitament liċenzjat;

Il-Qorti hi tal-fehma li wieħed għandu jiddistingwi bejn l-ewwel u t-tieni imputazzjoni. L-ewwel imputazzjoni tipotizza r-reat ikkontemplat fl-artikolu 3 (1) ta' l-Ordinanza dwar it-Telgrafija Mingħajr Fili (kap. 49) Dan qed jiġi ppreċiżat għax l-Ewwel Qorti, fis-sentenza tagħha kkwotat ukoll l-artikolu 39 (1) ta' l-Att dwar il-Korporazzjoni Telemalta, iżda din il-Qorti ma tarax kif l-ewwel imputazzjoni tista' tikkonfigura f'dana r-reat taħt il-Kap. 250. L-artikolu 3 (1) tal-Kap. 49 jipprovdi, fost ħwejjeġ oħra, li ħadd ma jista' jkollu għandu jew taħt il-kontroll tiegħu apparat bħal dak in diżamina mingħajr il-permess tal-Ministru. Mhix kwistjoni għalhekk, li l-apparat ikun liċenzjat iżda l-persuna trid tkun liċenzjata; u f'dan il-każ il-persuna li kellha tkun liċenzjata, biex ikollha għandha jew taħt il-kontroll tagħha dan l-apparat, kien l-istess appellant, irrispettivament minn jekk Gatt kellu jew ma kellux id-debita liċenzja. L-iżball ta' l-appellant, f'dan il-każ, ma kienx żball ta' fatt iżda żball ta' dritt, u ċjoe' li hu ma kienx jaf li biex iżomm għandu dak l-apparat, anke jekk bi pjaċir, kellu bżonn liċenzja. Kwantu għat-tieni imputazzjoni, iżda, il-posizzjoni hi kompletament differenti. Fost id-diversi paragrafi ta' l-artikolu 62 tal-Kap. 37 imsemmija fiċ-ċitazzjoni, dak li l-Qorti tara li hu relevanti għall-każ hu l-paragrafu (ġ) li jitkellem dwar min "xjentement jiġi fil-pussess" ta' oġġetti li fuqhom ma jkunx tħallas dazju. Kif din il-Qorti kellha okkażjoni li tfisser diversi drabi din l-ipotesi tirrikjedi li l-att materjali - li wieħed jiġi fil-pussess ta' l-oġġett - ikun sar xjentement. Il-kelma "xjentement" ma tfissirx sempliċment li l-aġent ikun konxju li qed jiġi fil-pussess ta' oġġett partikolari, iżda tfisser **li hu jkun jaf, jew li messu raġonevolment fiċ-ċirkostanzi kien jaf, li d-dazju fuq dak l-oġġett ma kienx ġie mħallas** (ara fost oħrajn is-sentenzi ta' din il-Qorti tat-22 ta' Settembru, 1993 fl-msijiet **Il-Pulizija** *vs*

**Mark Aquilina** *et*, tas-6 ta' Mejju, 1993 fl-ismijiet **Il-Pulizija** *vs* **Arthur Agius** tat-12 ta' Settembru, 1996 fl-ismijiet **Il-Pulizija** *vs* **Raymond Buhagiar** u tal-15 ta' Novembru, 1996 fl-ismijiet **Il-Pulizija** *vs* **Carmel Sultana**). Fil-każ in dizamina ma hemm xejn x'jindika li l-appellant kien jaf li d-dazju ma kienx tħallas minn Gatt, ġar u ħabib tiegħu u anqas ma kien hemm xi ċirkostanzi li a bazi tagħhom il-Qorti setgħet tikkonkludi li l-appellant messu raġonevolment kien jaf li dawk l-oġġetti ma kienx tħallas dazju fuqhom;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha u tirrevokaha biss f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tat-tieni imputazzjoni u fejn ikkundannatu għal dik l-imputazzjoni sitt xhur priġunerija sospiżi għal sentejn u tikkonferma l-istess sentenza fil-bqija.